2026/1694

13.7.2026

LINJA GWIDA (UE) 2026/1694 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Ġunju 2026

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2018/876 dwar id-Database tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (BĊE/2018/16) *(BĊE/2026/15)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iżomm ir-Reġistru tad-*Data* tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD) li huwa sett ta' *data* kondiviż għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) ta' *data* ta' referenza dwar unitajiet istituzzjonali legali u statistiċi oħrajn ("*data* RIAD").

(2) Id-*data* RIAD tintuża, fost skopijiet oħra, għal-listi uffiċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji mħejjija u ppubblikati mill-BĊE, inkluż fondi ta' investiment (IFs). Tagħrif statistiku dwar l-IFs miġbur skont ir-Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/17), ([1]) li jirriformula r-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/38) ([2]), jintuża għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-IFs kemm fuq bażi aggregata kif ukoll fuq bażi granulari fond b'fond. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata l-Linja Gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/16) ([3]) biex tiġi allinjata mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1988 (BĊE/2024/17), b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-attributi rilevanti kollha jiġu rreġistrati fir-RIAD, u bil-frekwenza meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2024/1988 (BĊE/2024/17).

(3) L-emendi għall-Annessi I u II tal-Linja Gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) huma meħtieġa biex jiġi żgurat li jirriflettu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi attwali tar-RIAD, b'mod partikolari fir-rigward tal-attributi li ma għadhomx meħtieġa jew fejn il-ġbir sistematiku mhux dejjem jista' jkun fattibbli.

(4) Din il-Linja Gwida tintroduċi bidliet konsegwenzjali wara t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([4]) bir-Regolament (UE) 2021/379 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/2) ([5]), it-tħassir tal-Linja Gwida BĊE/2014/15 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([6]) bil-Linja Gwida (UE) 2021/835 tal-Bank

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 dwar statistika dwar fondi ta' investiment u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) (BĊE/2024/17) (ĠU L, 2024/1988, 23.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1988/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1073/oj).

([3]) Linja Gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 dwar ir-Reġistru tad-*Data* tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (BĊE/2018/16) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2018/876/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1071/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/379 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-entrati tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/2) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/379/oj).

([6]) Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2014 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2014/15) (ĠU L 340, 26.11.2014, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2014/810/oj).

Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/16) ([7]), u l-adozzjoni tal-Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/11) ([8]), kif ukoll it-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) bir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(5) Għalhekk, il-Linja Gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (22) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(22) 'istituzzjoni finanzjarja monetarja' jew 'MFI' tfisser 'istituzzjoni finanzjarja monetarja' kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/379 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/2) (*);

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/379 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-entrati tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/2) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 16, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/379/oj).";

(b) il-punt (23) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(23) 'fond ta' investiment' jew 'IF' ifisser 'fond ta' investiment' kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/17) (*);

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2024/1988 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 dwar l-istatistika dwar fondi ta' investiment u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) (riformulazzjoni) (BĊE/2024/17) (ĠU L, 2024/1988, 23.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1988/oj).";

([7]) Linja Gwida (UE) 2021/835 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/15 dwar statistika monetarja u finanzjarja (BĊE/2021/16) (ĠU L 208, 11.6.2021, p. 335, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2021/835/oj).

([8]) Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/11) (ĠU L 208, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2021/830/oj).

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/45/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

2. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Bla ħsara għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 ta-Parlament Ewropew u tal- Kunsill (*) u li skont dan għandha tiġi pproċessata kwalunkwe *data* personali fir-RIAD, il-BĊNi m'għandhomx iħassru entitajiet irreġistrati fir-RIAD sabiex jiżguraw li jkun hemm rekord ta' entità u iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. Il-BĊE għandu jistabbilixxi proċedura biex jikkoreġi żbalji fattwali, u jagħmilha disponibbli għall-BĊNi.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).";

3. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' verifika tal-BĊE skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 u r-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2), il-BĊNi għandhom jimmonitorjaw u jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni kollha disponibbli għall-BĊE skont il-prinċipji applikabbli għall-governanza tal-istatistika u l-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità kif ippubblikat fuq is-sit web tal-BĊE.";

4. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jippermettu t-twaqqif u l-manutenzjoni tal-lista ta' MFIs imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/379 (BĊE/2021/2), il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-RIAD l-attributi speċifikati fil-Parti 1 u 2 tal-Anness I għal din il-Linja ta' Gwida fl-intervalli preskritti.";

5. L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jippermettu t-twaqqif u ż-żamma tal-lista tal-IFs imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1988 (BĊE/2024/17), il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-RIAD l-attributi speċifikati fil-Parti 1 u 2 tal-Anness I għal din il-Linja Gwida fl-intervalli preskritti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw kwalunkwe aġġornament għall-attributi speċifikati għal IFs fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I, b'mod partikolari meta IF jingħaqad jew jitlaq mill-popolazzjoni ta' IFs, u għandhom jirreġistrawhom fir-RIAD mill-inqas fuq bażi mensili, fi żmien 28 jum tax-xogħol wara tmiem ix-xahar. Il-BĊNi għandhom jaġġornaw l-attribut tal-valur nett tal-assi għall-IFs kollha fuq bażi annwali, fi żmien 28 jum tax-xogħol mid-data ta' referenza ta' tmiem is-sena. Meta IF ikun ingħata deroga skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) 2024/1988 (BĊE/2024/17), l-iskadenzi stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu estiżi biex jitqiesu l-iskadenzi stabbiliti għall-IF ikkonċernat mill-BĊN rilevanti għar-rapportar tat-tagħrif statistiku rilevanti.";

6. L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

Statistika dwar Oġġetti tal-Karta tal-Bilanċ Individwali ('iBSI') u Rata ta' Imgħax Individwali MFI ('iMIR')

Il-BĊNi kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-aġenti ta' rapportar li għalihom id-*data* tal-iBSI jew iMIR għandha tiġi rrapportata minn BĊNi lill-BĊE skont il-Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/11) (*) tiġi rreġistrata b'mod preċiż fir-RIAD. Il-BĊNi kompetenti għandhom jagħmlu l-emendi meħtieġa għall-informazzjoni rreġistrata fir-RIAD meta jkun hemm bidliet fl-aġenti li jirrapportaw li għalihom għandha tiġi rrapportata d-*data* tal-iBSI jew tal-iMIR.

(*) Linja Gwida (UE) 2021/830 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/11) (ĠU L 208, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2021/830/oj).";

7. L-Artikolu 26 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

***Data* ta' referenza rilevanti għal CSDB**

Il-BĊNi għandhom jirreġistraw fir-RIAD l-attributi kollha elenkati fl-Anness II ta' din il-Linja Gwida għall-emittenti ta' titoli li huma residenti f'pajjiżhom u li huma rreġistrati fis-CSDB skont l-Artikolu 4(7) tal-Linja Gwida (UE) 2022/971 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/25) (*). Il-BĊNi għandhom jiżguraw li entitajiet bħal dawn ikunu marbuta mas-CSDB permezz ta' identifikatur ta' entità stabbli u komuni li jkopri l-entitajiet kollha fis-setturi kollha.

_____

(*) Linja Gwida (UE) 2022/971 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-Bażi ta' *Data* Ċentralizzata tat-Titoli u l-produzzjoni ta' statistika dwar il-ħruġ ta' titoli u li tħassar il-Linja Gwida BĊE/2012/21 u l-Linja Gwida (UE) 2021/834 (BĊE/2022/25) (ĠU L 166, 22.6.2022, p. 147, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2022/971/oj).".

8. L-Annessi I u II għandhom jinbiddlu bl-Annessi għal din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

L-Anness I tal-Linja Gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

REĠISTRU TA' *DATA* TA' ISTITUZZJONIJIET U AFFILJATI (RIAD) - LISTI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

PARTI 1

Attributi li għandhom jiġu rrappurtati għal settijiet ta' *data* miżmuma għall-pubblikazzjoni

Isem tal-attribut [a]	Rilevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	IFM		IFs		FVCs		PSRIs [a]		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Identifikaturi												
— Kodiċi RIAD	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
— Identifikatur nazzjonali (*)	M	d	O	m	M	q	M	a	M	q	M	q
— EGR code	O	d			O	q						
— LEI (*)	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
— Kodiċi għall-Identifikazzjoni ta-Negozju (BIC)	O	d										
Isem	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Pajjiż ta' residenza	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Indirizz (**)	M	d	O	m	O	q	M	a	M	q	M	q
Forma legali (**)	M	d	O	m	O	q	O	a	O	q	O	q
Tip ta' superviżjoni (**)	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Rekwiżiti ta' rapportar	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Tip ta' liċenzja bankarja	M	d					O	a				
Marka konformità UCITS			M	m								
Id-dettall huwa konformi mal-UCITS			M	m								
Natura tat-titolizzazzjoni					M	q						
Tip ta' Fondi ta' Investiment			M	m								
Politika ta' investiment għal IFs			M	m								
Stil ta' investiment			M	m								
Fokus ġeografiku			M	m								

Isem tal-attribut ([a])	Rilevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	IFM		IFs		FVCs		PSRIs ([a])		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Fokus fuq l-investimenti f'bonds (**)			M	m								
Bażi tal-investituri			M	m								
Tip ta' fond ta' proprjetà immobbli (**)			M	m								
Fond ta' investiment fi proprjetà immobbli			M	m								
Frekwenza tal-fidi			M	m								
Tip ta' konformità ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG)			M	m								
Tip ta' Fondi tal-Pensjoni											M	q
Immarka 'Hija sponsorjata' (**)											M	q
Marka Ħlas fornitur tas-servizz (PSP)							M	a				
Marka Operatur tas-sistema tal-Ħlas (PSO)							M	a				
Marka PSP żgħir							M	a				
Marka Deroga PSP mogħtija							M	a				
Tip ta' liċenzja PSP (**)							M	a				
Settur istituzzjonali	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Dettalji tas-Settur istituzzjonali	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Kontroll tas-settur istituzzjonali	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Kodiċi NACE	M	d	M	m	M	q	O	a	M	q	M	q
Pożizzjoni ġeografika (NUTS) (**) (***)	M	d	O	m	O	q	M	a	M	q	M	q
Impjieg domestiku ([+])	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a
Total tal-karta tal-bilanċ (Regolament BĊE) domestiku ([+])	M	a							O ([b])	a	O	a
Assi netti domestiċi ([+])	O	a	M	a								
Primjums grossi miktuba domestiċi ([+])									M	a		

Isem tal-attribut ([a])	Rilevanti fil-kuntest tal-lista ta'											
	IFM		IFs		FVCs		PSRIs ([a])		ICs		PFs	
	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
Impjieg totali (++)	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a	O	a
Karta tal-bilanċ totali (++)	M	a	O	a	O	a			O ([b])	a	O	a
Primjums grossi miktuba (++)									M	a		
Data ta' twelid	O	d	O	m	O	q	O	a	O	q	O	q
Data tal-għeluq	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Marka 'Hija Inattiva' (**)	M	d	M	m	M	q	M	a	M	q	M	q
Marka 'Qed tiġi likwidata' (**)	M	d	O	m	M	q	M	a	M	q	O	q
Kontropartijiet meħtieġa												
Oriġinatur ta' FVC					M	q						
Kumpanija tal-maniġment (**)			M	m	M	q					M ([c])	q
Kwartieri Ġenerali (**)	M	d							M	q	M	q

(+) eskludi fergħat (jew kwartieri ġenerali) mhux residenti.
(++) inkludi fergħat mhux residenti (jekk applikabbli).
(*) kif disponibbli (li għandu jiġi rrapportat meta l-informazzjoni tkun disponibbli għall-BĊNi).
(**) kif applikabbli (li għandu jiġi rrapportat meta l-attribut japplika għall-entità).
(***) attribut derivat.
([a]) Jekk jogħġbok innota li l-lista ta' PSRIs tista' tikkoinċidi mal-lista ta' MFIs.
([b]) Dan għandu jiġi rrappurtat għall-inqas għal waħda mill-varjabbli skont is-sistema tal-ġbir tad-*data*.
([c]) Dan l-attribut jirreferi għall-maniġers tal-pensjonijiet fir-rigward tad-*data* rrapportata minn dawn l-entitajiet skont ir-Regolament (UE) 2018/231 (BĊE/2018/2).
Rilevanza: **M** (obbligatorju), **O** (fakoltattiv), vojt (mhux applikabbli).
Frekwenza: **a** (annwali), **q** (trimestrali), **m** (mensili), **d** (kuljum/kif ikun hemm bidla).
Perjodu ta' żmien: għad-*data* annwali huwa xahar wara d-data ta' referenza sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din il-Linja Gwida.

PARTI 2

Tipi ta' relazzjonijiet bejn l-entitajiet

	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
1. **Relazzjonijiet fi ħdan impriża**		
Relazzjoni bejn unità(jiet) legali u impriża	O	-
2. **Relazzjonijiet ġewwa grupp ta' impriża**		
Relazzjoni ta' kontroll bejn l-unitajiet legali	M ([d])	q
Relazzjoni ta' sjieda (mhux ikkontrollata) bejn l-unitajiet legali	O	q

	Tip	Frekwenza ta' aġġornament
3. **Relazzjonijiet oħra**		
Ness bejn oriġinatur u l-FVC tiegħu	M	q
Konnessjoni bejn kumpannija ta' ġestjoni u l-IF tagħha ([g]) (**)	M	m
Konnessjoni bejn kumpannija ta' ġestjoni u l-FVC/PF tagħha ([g]) (**)	M	q
Ness bejn fergħa mhux residenti u s-sede residenti tagħha	M	q ([e])
Ness bejn fergħa residenti u s-sede mhux residenti tagħha	M	q
Konnessjoni bejn subfond u fond umbrella (**)	M	q
Konnessjoni bejn entità u l-parent aħħari (ultimate parent) ([i]) (**)	M	m
Konnessjoni bejn fond tal-pensjoni u l-isponsor tiegħu (**)	O	q

([d]) għal 'gruppi bankarji' biss bil-kwartieri ġeneralii fiż-żona tal-euro u għall-kontropartijiet ikkontemplati mir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13); inkella fakoltattiv.
([e]) tal-inqas trimestrali, skont is-settur.
([f]) għal entitajiet rilevanti għal AnaCredit biss.
([g]) ħlief għal entitajiet awtoġestiti.
(**) kif applikabbli (li għandu jiġi rrapportat meta l-attribut japplika għall-entità)."

ANNESS II

L-Anness II tal-Linja Gwida (UE) 2018/876 (BĊE/2018/16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS II

REĠISTRU TA' *DATA* TA' ISTITUZZJONIJIET U AFFILJATI (RIAD) - LISTI MHUX GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

L-attributi għandhom jiġu rrappurtati għal datasets skont il-qafas legali rispettiv tagħhom imsemmi fil-Kapitolu VII

Isem tal-attribut	Statistiki BSI u MIR individwali (iBSI-iMIR)	Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) u r-rata tal-euro fuq żmien qasir	Entitajiet rilevanti għall-Ġestjoni Kollaterali	Sistema tal-Ġestjoni tat-Teżor (TMS)	Database tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titoli (SHSDB) [1]	Bażi ta' *Data* Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB)	Komuni Granulari (mikrodata) Database tal-kreditu analitika (AnaCredit) [2]
Identifikaturi tal-Entità							
— Kodiċi RIAD	x	x	x	x	x	x	x
— LEI (*)		x	x		x	x	x
— Identifikaturi nazzjonali (*)			x		x	x	x
— Identifikaturi oħra			x	x	x	x	x
Isem	x	x	x	x	x	x	x
Pajjiż ta' residenza	x	x	x	x	x	x	x
Indirizz							x
Forma legali							x
Settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Dettalji tas-Settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Kontroll tas-settur istituzzjonali	x	x	x	x	x	x	x
Grupp kollaterali			x				
Kodiċi NACE					x	x	x
Pożizzjoni ġeografika (NUTS) (**)							x
Flag CCP		x					
Rekwiżiti ta' rapportar							x
Qafas ta' Kontabbiltà							x
Impjieg totali							x
Karta tal-bilanċ totali							x
Daqs tal-impriża							x
Fatturat Annwali							x

Isem tal-attribut	Statistiki BSI u MIR individwali (iBSI-iMIR)	Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) u r-rata tal-euro fuq żmien qasir	Entitajiet rilevanti għall-Ġestjoni Kollaterali	Sistema tal-Ġestjoni tat-Teżor (TMS)	Database tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titoli (SHSDB) [1]	Bażi ta' *Data* Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB)	Komuni Granulari (mikrodata) Database tal-kreditu analitika (AnaCredit) [2]
Status tal-proċeduri legali							x
Data ta' twelid	x	x	x	x	x	x	x
Data tal-għeluq	x	x	x	x	x	x	x
Marka 'Mhuwiex Attiv'	x	x	x	x	x	x	
Relazzjonijiet							
— Relazzjoni fis-Sjieda			x				
— Relazzjoni tal-fergħa			x				
Konnessjoni							
— mas-sede					x		x
— lil parent li jikkontrolla dirett					x		x
— lil parent li jikkontrolla aħħari					x		x
— lil kumpannija ta' ġestjoni							x

([1]) Il-lista ta' attributi obbligatorji għar-rwoli rilevanti tal-kontroparti tal-SHSDB hija speċifikata fl-atti legali rispettivi.
([2]) Il-lista ta' attributi obbligatorji għal kontroparti speċifika ta' AnaCredit tiddependi fuq ir-rwol tagħha (mutwatarju, garanti, eċċ.), ir-residenza (fi ħdan Stat Membru ta' rapportar jew barra) u fid-data meta ngħata s-self kif speċifikat fl-atti legali rispettivi.
(*) 'LEI' jew, jekk mhux disponibbli, 'Identifikaturi Nazzjonali' għandhom jiġu pprovduti bħala attributi obbligatorji."
(**) attribut derivat."